# 1951: Il-Festa ta' San Nikola tibda ssir f'Ġunju

## *L-ewwel Programm tal-Festa*

Tifkiriet ta' Carmel Vella

### Titħassar il-Festa

Sa mill-aktar żminijiet imbegħda, jum San Nikola fis-Siġġiewi kien jiġi ċċelebrat fis-6 ta' Diċembru. Kien jum li jaħbat fl-eqqel tax-xitwa u l-festa kienet ta' sikwit titħarbat minħabba l-maltemp. Peress li wara l-gwerra l-festa bdiet issir b'impenn akbar, ħafna Siġġiwin xtaqu li jinbidel dak il-jum minn Diċembru għax-xahar ta' Mejju, meta kienet issir il-festa tal-qaddis fil-belt ta' Bari.

Jien għadni niftakar li s-6 ta' Diċembru 1949 sebaħ jum imċajpar. Aktar ma beda jsir ħin, l-ajru kompla jissaħħab u kmieni wara nofsinhar bdiet nieżla xita bil-qliel. Wiċċ il-misraħ sar wied bl-ilma jgerbeb lejn il-Qajjied. Ix-xita kompliet iżżid u mid-dehra tal-ajru ma kienx baqa' tama li t-temp jitjieb. Kulħadd beda jistaqsi jekk il-festa tkomplix issir. Il-bejjiegħa tal-qubbajt għattew l-imwejjed u kollha bdew jgħajtu b'leħen għoli u jimpikaw min iraħħas l-iżjed, biex jeħilsu mill-qubbajt li kien baqgħalhom.

Għall-ħabta tal-erbgħa, il-Kappillan flimkien ma' dawk li kienu jmexxu l-festa, iddeċidew li l-festa ta' barra u l-purċissjoni ma jsirux.

### Il-Kurja taqbel għall-Festa f'Ġunju

Fil-jiem ta' wara ntqal ħafna kliem jekk il-festa għandhiex tinbidel għal ġurnata fis-sajf. Ħafna kienu jaqblu u kien hemm x'uħud li ma jaqblux. Fl-aħħar tal-istess xahar ta' Diċembru saret laqgħa ġewwa ċ-Ċirklu tal-Azzjoni Kattolika li fiha ħadu sehem Jien ukoll kont hemm fosthom. B'maġġoranza kbira ġie miftiehem li l-festa tibda ssir fis-sajf. Intgħażlet kummissjoni ta' tlieta min-nies, fosthom niftakar kien hemm in-Nutar Nikol Said, il-President tal-Każin, biex tressaq quddiem l-E.T. L-Arċisqof Gonzi x-xewqa tal-poplu li jinbidel jum il-festa għax-xahar ta' Mejju biex tkun tista' tkun iċċelebrata mingħajr tfixkil min-naħa tat-temp.

Ftit jiem wara sar rikors mill-Kappillan Dun Saver Mangion fejn kiteb li jkun aktar vantaġġjuż għall-poplu li Jum San Nikol ikun ċelebrat f'jum ieħor f'Mejju. Dwar dan saru diskussjonijiet fil-Kurja u f'Ottubru 1950, permezz tal-Kappillan, l-Arċisqof għarraf lill-poplu li kien laqa' t-talba tagħhom u li kellu jħabbar il-ġurnata tal-festa aktar tard. Fl-istess messaġġ, l-Arċisqof esprima x-xewqa tiegħu li l-festa ssir għall-aħħar darba f'dik is-sena fis-6 ta' Diċembru, kif verament sar.

Id-digriet uffiċjali ġie ffirmat mill-Kurja fit-28 ta' Frar 1951 u xxandar fl-4 ta' Marzu fil-knisja tas-Siġġiewi. Il-festa ta' San Nikola ġiet iffissata għall-31 ta' Mejju jew il-Ħadd li jiġi wara dik id-data. It-test tad-digriet, maqlub għall-Malti, huwa dan li ġej:

*"Peress li hu magħruf li San Nikola, Titular tal-Parroċċa tas-Siġġiewi, barra l-festa*

*universali tas-6 ta' Diċembru għandu festi oħra li jiġu ċelebrati fl-Arċidjoċesi ta' Bari, bil-kunsens tas-Santa Sede aħna nippermettu li tiġi ċċelebrata, bħala prova, il-festa tal-qaddis ġewwa l-knisja nhar il-31 ta' Mejju (kif isir ukoll ġewwa Bari) jew il-Ħadd li jiġi wara. Jekk, imbagħad, għal xi kawża ma tkunx tista' tiġi ċċelebrata fil-jiem imsemmija f'dan id-digriet tagħna, allura jsir rikors, ta' kull darba, lill-Awtorità Ekkleżjastika għat-trasferiment li jkun jeħtieġ. Rigward il-festa ta' barra; Għal dik li hi l-parti jew aħjar it-trasferiment liturġiku ikun hemm ħtieġa ta' rikors għand is-Sacra Congregazione dei Riti"*

*Mogħti llum fil-Belt Valletta 28 ta' Frar 1951*
*MICHELE Arċisqof ta' Malta*

### L-Ewwel Festa f'Ġunju

Skont ix-xewqa tal-Arċisqof il-festa saret għall-aħħar darba fis-6 ta' Diċembru 1950. It-temp kien mhux ħażin u l-purċissjoni ħarġet bħas-soltu. Sitt xhur wara reġa' ġie ċelebrat, għall-ewwel darba, Jum San Nikola fil-jiem tas-sajf, jiġifieri mis-6 sal-10 ta' Ġunju 1951. In-nies ħadu sehem bil-mijiet tagħhom kemm fiċ-ċerimonja liturġika fil-knisja kif ukoll fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' barra. Intramaw it-toroq b'pavaljuni sbieħ, liedna u dwal ikkuluriti. Il-knisja żżejnet b'mijiet ta' bozoz ilellxu u l-pjazza kienet tgħaxxqek b'dawk il-bnadar iperpru maż-żiffa sajfija.

Il-lejla twila ta' Ġunju, qabel jum il-festa, tat sfog ta' briju divertenti, l-aktar bil-mużika li ndaqqet għall-okkażjoni u l-logħob tan-nar li nħaraq għal dak il-lejl speċjali. Bħas-soltu, f'jum il-Festa saret il-quddiesa solenni bil-paneġierku minn Patri Fidiel, Kapuċċin, minn Għawdex. Waqt il-quddiesa ndaqqet mużika u kant sagru li saħħru l-miġemgħa ġewwa l-knisja hekk kif din kienet miksija b'damask ħamrani, b'linef imdawla u, fuq kollox, bl-istatwa prezzjuża ta' San Nikola mdawra b'għadd ta' bukketti ta' ward u pjanti jħaddru.

Bejn it-8 u l-10 ta' Ġunju ħadu sehem sitt baned. Qabel il-programm tagħhom dawn esegwew marċi brijużi li koprew it-toroq ewlenin kollha tar-raħal.

### Il-Baned kienu:

ST NICHOLAS BAND tas-Siġġiewi, Direttur Joseph Muscat, li daqqet fit-8 u d-9 ta' Ġunju, nhar l-Aħħar Tridu u Lejlet il-Festa
L'ISLE ADAM, tar-Rabat, Direttur A. Muscat Azzopardi, Lejlet il-Festa
STELLA MARIS ta' Sliema, Direttur J. Darmanin, Lejlet il-Festa
ST GAETAN, tal-Ħamrun, Direttur J. Abela Scolaro, f'Jum il-Festa
COUNT ROGER, tar-Rabat, Direttur Vincenzo Ciappara, f'Jum il-Festa
ST MARY'S BAND, tal-Qrendi, Direttur Jos. Muscat, f'Jum il-Festa

Is-sitta li huma esegwew programmi fil-Pjazza li kienu jikkonsistu f'mużika operistika, sinfonika u klassika - mużika li kienet popolari ħafna dak iż-żmien.

### Programm tal-Festa

Għall-okkażjoni ta' din l-ewwel Festa f'Ġunju, il-Każin tal-Banda San Nikola xandar ktieb żgħir bil-Programm tal-Festa. Kien l-ewwel Programm ta' din ix-xorta.

Dak iż-żmien jien li qed nikteb kelli l-kariga ta' Kaxxier tal-Każin u kont jien li ħejjejt

tali ktejjeb. Kien fih 24 paġna, stampat kollu tipi suwed mingħajr stampi jew ritratti. Kulur ma kien fih xejn.

Kien fih poeżija tal-poeta kompajżan tagħna Patri Ġużè Delia S.J., oħra ta' Karmenu Vassallo u oħra ta' Kaspan Pace, artiklu dwar ħajjet San Nikola minn Nikol Azzopardi u kitba tiegħi, Carmel Vella, bit-titlu *Is-Siġġiewi u l-Knisja Tiegħu.* fejn tajt dettalji ftit fit-tul dwar ir-raħal, il-knisja, il-festa ta' San Nikola, dwar il-Banda San Nikola u dwar l-għoti tat-titlu ta' Belt Ferdinando mill-Gran Mastru Hompesch.

Kellu fih ukoll il-Programmi tas-sitt Baned li ħadu sehem, bil-mużika li kellhom idoqqu u dettalji tal-ħinijiet taċ-ċerimonji fil-knisja u dawk ta' barra.

Stampajna xi 600 kopja u konna nbigħuh mill-każin u waqt il-marċi għall-prezz ta' tliet soldi l-kopja. Kienu nxtraw il-kopji kollha. Jien baqagħli kopja waħda u hawn qed nipproduċi fotokopja ta' dik li kienet il-*front cover* ta' dan l-ewwel Programm tal-Festa tagħna.


PROGRAMM
TAL-FESTI
F'ĠIH IT-TAWMATURGU
SAN NICOLA TA BARI
LI SER ISIRU FIS-SIĠĠIEWI
MIS-6 TA' ĠUNJU SAL-10 TA' ĠUNJU, 1951.

Imxandar mill-Kumitat tal-Banda 'SAN NIKOLA'
Bħala Tifkira ta' l-Ewwel Ċelebrazzjoni tal-Festa
F'Dan il-Jum.

LUCE TIBI SACRA, DEVOTAM RESPICE GENTEM
NICOLAE: TUAM CAELITUS AFFER OPEM.
CARNE EXULTANTES CIVES, TE LAUDE REPLENTES,
QUI MEMORANT CORDIS TOT BENEFACTA TUI.
(*Sac. A. Vella*).

ITFA', QADDIS NIKOLA, MILL-GHOLI TAS-SEMA FEJN QIEGHED,
HRASTEK FUQ GENS DAR-RAHAL LI HATREK BIEX THARSU U TMEXXIH
F'DAN IL-JUM KBIR TA' FESTA LI JFAKKAR GHEMEJJEL QDUSITEK
ITHENNA U TPAXXA MIEGHU, ŻID IDHOL DEJJEM GHALIH.
(*Trad. K. Vassallo*).

Lux Press.

***Programm tal-Festa***

Fis-snin ta' wara, il-Programm dam ma reġa' ħareġ, sakemm fis-snin sittin beda joħroġ regulari fil-forma li jinsab illum, mogħni b'artikli interessanti, stampi tal-kulur, reklami u stampar mill-ifjen. Nawgura lil dan ikompli fit-triq li qabad u li dejjem ikompli jirfina fil-preżentazzjoni eċċellenti tiegħu.

## Aktar dwar il-Festa

Il-Festa fis-sajf irnexxiet bil-kbir . Il-"prova" li ried l-Arċisqof kienet suċċess u minn dak iż-żmien sal-lum il-festa baqgħet issir fl-aħħar Ħadd ta' Ġunju kif xtaq il-poplu.

Kien hemm xi wħud li baqgħu sal-aħħar jopponu l-bidla imma dawn kienu ftit. Niftakar għadd żgħir minn dawn, kull nhar is-6 ta' Diċembru kienu jmorru l-Belt fil-Knisja ta' San Nikola, fejn kienet tiġi ċċelebrata l-Festa ġol-knisja skont il-jum liturġiku. Dik il-knisja kienet magħrufa wkoll bħala tal-Erwieħ u tinsab in-naħa t'isfel ta' Triq il-Merkanti ħdejn San Duminku.

Dawk il-ftit nies illum jinsabu ħdejn San Nikola għand il-Mulej. Is-Siġġiwin tal-lum huma kburin b'dak li għamlu missirijiethom fis-snin ħamsin u, ta' kull sena, fl-aħħar ta' Ġunju, joħorġu bi ħġarhom jiċċelebraw kif jixraq il-Festa ta' San Nikola, il-Patrun tant meqjum tagħhom u ta' raħal twelidhom.